MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2011

Rikors Numru. 758/2007

**Id-Direttur Servizzi tal-Kummerc fil-Ministeru tal-Kompetittivita u Komunikazzjoni**

**Vs**

**Alan Debattista u ghal kull interess li jista' jkollhom Stephen Antoine Buhagiar, Mario Casa, Renald Attard u Christopher Micallef**

Permezz ta' din il-kawza l-attur qieghed jitlob ir-revoka ta' digriet mahrug fis-16 ta' Lulju 2007 moghti fl-atti tar-rikors fl-ismijiet **Alan Debattista vs Stephen Antoine Buhagiar et**. (numru 978/07), li permezz tieghu l-attur odjern gie mizmum milli jzomm lil Debattista milli jaghmel uzu mill-post allokat lilu gewwa Triq Merkanti kantuniera ma' Triq it-Teatru Antik, Valletta bhala *market hawker* bil-licenzja

numru 1/1904, mahruga mit-Trading Licensing Unit. Dan wara li permezz ta' ittra datata 30 ta' Mejju 2007 l-attur kien gharraf lil Debattista li *"... b'sehh immedjat il-permess hawn fuq indikat qieghed jigi annullat ghaliex qatt ma messu hareg u inti mitlub tieqaf milli tarma fil-post fi Triq Merkanti u tiggestixxi l-attivita kummercjali."*.

Din id-decizjoni tittratta t-tielet eccezzjoni tal-konvenut Debattista li qieghed jippretendi li din il-kawza ghandha tistenna l-ezitu finali tal-kawza **Alan Debattista vs Direttur (Servizzi ta' Kummerc – Ministeru ghall-Kompetittivita' u l-Komunikazzjoni) et** (771/2007). B'sentenza li nghatat fis-7 ta' April 2011 il-qorti ddikjarat li l-ghemil amministrattiv kien jikser l-Artikolu 469(1)(b)(ii) ghaliex ma giex osservat il-principju ta' *audi alteram partem*. Ghalhekk iddikjarat li l-ghemil amministrattiv kien null u minghajr effett. Kawza li issa hi pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell.
Mill-atti jidher li sehh arrangament temporanju, minhabba l-proceduri pendenti, li wassal sabiex Debattista inghata post alternattiv minn fejn jiggestixxi n-negozju tieghu. F'dan il-kuntest Debattista ddikjara li qabel saret il-kawza kien diga' sehh ftehim bonarju *"... li permezz tieghu kien innewtralizza l-effetti kollha tal-mandat li tieghu qeghda tigi mitluba r-revoka u ghalhekk din l-istanza giet intavolata kapriccozament."*[1]. F'nota li pprezenta l-attur fit-8 ta' Ottubru 2010 fil-kawza 771/2007, iddikjara: *"... permezz ta' arrangament pendenti l-kawza odjerna, ghalkemm sprovvist mill-licenzja rikjesta ai termini tar-regolamenti vigenti, ir-rikorrent qieghed b'tolleranza jithalla jiggestixxi l-attivita' kummercjali tieghu mill-Belt, Valletta."*.

Is-soprasessjoni hu provvediment li jithalla fid-diskrezzjoni tal-qorti skond ic-cirkostanzi tal-kaz li jkollha quddiemha. Wara li l-qorti rat l-atti, hi tal-fehma li l-ezitu finali tal-kawza 771/2007 jista' jkollu effett fuq l-ezitu ta' din il-kawza. M'hemmx dubju li Debattista talab il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni peress li jippretendi li ghandu dritt jibqa' jopera

[1] Ara risposta guramentata prezentata fit-3 ta' Novembru 2010.

mill-post allokat ghaliex id-decizjoni mehuda mill-attur li jhassar il-licenzja ta’ *market hawker*, u notifikata lilu bl-ittra tat-30 ta’ Mejju 2007, hi *ultra vires*. Wara d-digriet tas-16 ta’ Lulju 2007, l-attur ghamel talba ghar-revoka tal-mandat ai termini tal-Artikolu 836(1) (c), (e) u (f) tal-Kap. 12. B’digriet moghti fis-7 ta’ Awwissu 2007, il-qorti cahdet it-talba. Wara l-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni Debattista pprezenta kawza li biha qieghed jikkontesta l-eghmil amministrattiv li bih thassret il-licenzja mahruga f’ismu mit-Trading Licensing Unit (numru 7/1904). S’issa Debattista nghata ragun, ghalkemm hu veru li l-appell ghadu *sub judice*. Madankollu wiehed ma jridx jinsa wkoll li mandat ta’ inibizzjoni jinhareg wara li l-qorti tqies il-kaz fuq bazi ta’ *prima facie* minghajr ma toqghod tidhol f’dettall ghal dak li ghandu x’jaqsam mal-meritu. Gialadarba hemm diga’ kawza pendenti ta’ stharrig tal-eghmil amministrattiv, din il-qorti m’hijiex tal-fehma li ghanda taghlaq ghajnejha u taghti decizjoni dwar jekk Alan Debattista ghandux licenzja biex jopera bhala market hawker minn posta partikolari. Kieku kellha taghmel mod iehor ikun hemm il-periklu ta’ xi decizjoni li tikkonfliggi ma’ ohra.
Inoltre, wara li l-qorti qieset ukoll li mill-atti jidher li l-partijiet sabu arrangament bonarju sakemm tibqa’ pendenti l-kawza 771/2007, arrangament li jidher li ilu fis-sehh ghal numru ta’ snin, tkompli ssahhah il-fehma li hu prudenti li tilqa’ t-talba ta’ Debattista ghas-soprasessjoni ta’ din il-kawza.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tilqa’ t-talba tal-konvenut Alan Debattista ghas-soprasessjoni ta’ din il-kawza sakemm il-kawza numru 771/2007 fl-ismijiet Alan Debattista vs Direttur (Servizzi ta’ Kummerc – Ministeru ghall-Kompetittivita’ u l-Komunikazzjoni) et tigi deciza mill-Qorti tal-Appell, u b’hekk tiddiferixxi l-kawza *sine die* rijappuntabbli fuq talba b’rikors ta’ xi hadd mill-partijiet. Tfakkar lill-partijiet li f’dan il-kaz japplika l-Artikolu 964 tal-Kap. 12.**

**Spejjez relatati ma’ din id-decizjoni ikunu a karigu tal-attur.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------